Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,725, 26 ta' Ottubru, 2021
Taqsima B

A.L. 402 tal-2021

ORDINANZA LI TIRREGOLA T-TIĠDID TAL-KIRI TA' BINI (KAP. 69)

Regolamenti tal-2021 dwar id-Drittijiet tal-Lista ta' Arkitetti u Inġiniera Ċivili tal-Bord tal-Kera

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 39 u 45 tal-Ordinanza li tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini, il-Ministru għall-Ġustizzja u l-Governanza għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2021 dwar id-Drittijiet tal-Lista ta' Arkitetti u Inġiniera Ċivili tal-Bord tal-Kera.

Drittijiet pagabbli lil membri tal-Lista ta' Arkitetti u Inġiniera Ċivili.

2. Id-drittijiet pagabbli lil kwalunkwe membru tal-Lista ta' Arkitetti u Inġiniera Ċivili fir-rigward tal-valutazzjoni ta' kwalunkwe fond jew l-għoti ta' kwalunkwe opinjoni teknika b'rabta ma' kwalunkwe każ quddiem il-Bord tal-Kera jew tal-għoti ta' kwalunkwe servizz ieħor meħtieġ mill-imsemmi bord għandu jkun intaxxat skont l-Iskeda A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili biss sal-ammont totali li jinkludi kollox għall-valutazzjonijiet, l-opinjonijiet u s-servizzi l-oħra kollha ta' ħames mitt euro (€500), u meta skont l-imsemmija Skeda A t-total tad-drittijiet jaqbeż l-ammont ta' ħames mitt euro (€500) l-imsemmija Skeda A ma għandhiex tapplika fir-rigward ta' tali eċċess.